Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag Juris (Eur Law)

Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Bartolo)
vs
John Borg

Illum 23 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi John Borg, iben Victor u Helen nee' Micallef, imwieled fis-6 ta' Mejju 1962 u detentur tal-karta tal-identita Nru 399781(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar is-17 ta' April, 1997, u matul ix-xhur ta' qabel f'dawn

il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda :

a) ta' armi, ghodod jew mezzi ohra li gew uzati fl-eghmil ta' delitti meta kien jaf li dawn kellhom jigu hekk uzati, jew b'xi mod li jkun, ghin jew assista lil awtur jew awturi tad-delitti fl-atti li bihom id-delitti kienu gew ippreparati jew ikkunsmati, b'dan li l-awturi ta' l-istess delitti b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta' aktar mnn hamsin lira Maltija, imma mhux aktar minn hames mitt lira Maltija ghad-dannu tal-Korporazzjoni tat-TeleMalta;

b) u aktar meta l-awtur jew awturi, f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi bi hsara

ta' haddiehor u cioe' tal-Korporazzjoni tat-TeleMalta ghamel xi qliegh iehor b'qerq li jiskorri il-valur ta' hamsin lira Maltija, imma ma jiskorrix il-valur ta' hames mitt lira Maltija;

c) u aktar meta l-awtur jew awturi, f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi document iehor falsifikat u cioe' telecard falza;

d) U aktar meta l-awtur jew awturi, f'dawn il-gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid u cioe' il-Korporazzjoni tat-TeleMalta id-disinji jew mudelli ta' manifattura jew xjentement ghamel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla ukoll jekk minn haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid;

e) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghal qliegh jew bi skop ta' kummerc, bena, biddel, ghamel, ipposseda,

biegh jew xtara xi apparat li bih ikun jista jikkonnetti kontra l-ligi ma sistema tat-telekommunikazzjoni;

f) Kif ukoll f'dawn il-gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, ghall-qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifikattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, rat id-dokumenti esebiti, l-provi li tressqu u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju, 2002;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu issib lill-istess imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 18, 42, 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali, l-Artikoli 18, 309, 310 tal-Kodici Kriminali, l-Artikoli 183, 184 tal-Kodici Kriminali, l-Artikoli 298, 298(a) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 39 tal-Kap. 399;

Illi l-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, kif ukoll il-fatt illi huwa ikkollabora mal-pulizija matul l-investigazzjoni tant illi anke kixef ismijiet ta' nies ohrajn illi kienu involuti f'dawn it-tip ta' reati u bl-informazzjoni li ta lill-pulizija, il-pulizija resqet lil xi persuni l-Qorti.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fis-sens illi l-imputat fuq imsemmi ma ghandu jaghti xejn aktar lil Maltacom plc.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt illi tillibera lill-imputat fuq imsemmi taghmel dan bil-kundizzjoni illi l-imputat ma jikkommetti l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur